

# Ħal Kirkop fl-Eqqel tal-Blitz – 1942

**kitba ta' Pawlu Azzopardi ©**

## Tfaqqa' l-Gwerra

Fil-lejla ta' l-10 ta' Ġunju, 1940, id-dittatur Taljan Benito Mussolini, iddikjara gwerra kontra l-Ingilterra. Hekk kif il-Maltin semgħu din id-deċiżjoni tixxandar fuq ir-radju, qamet għagħa sħiħa u malajr l-aħbar ġriet bħal leħħa ta' berqa ma' Malta kollha. Id-dawl intefa' u Malta tgħattiet bi star magħqud ta' dlamijiet. F'dan il-lejl ħadd ma raqad b'rasu mistrieħa.

L-għada fil-għodu, ma' sbiħ l-għodwa, l-ħemda li kienet issaltan fuq gżiritna nkisret mit-tnewwieħ tas-sireni u l-ħsejjes ta' l-ajruplani. Fit-toroq dehru ta' l-A.R.P. li bdew javżaw lin-nies biex jibqgħu ġewwa għax beda l-ħbit mill-ajruplani Taljani. Dak in-nhar kien jum il-magħmudija tan-nar għal gżiritna. Wara kważi sebgħin minuta li l-attakk kien ilu li beda, daqqet is-sirena u l-qniepen tal-knejjes taw is-sinjal li l-ajruplani ta' l-għadu kienu telqu. Matul din l-ewwel ġurnata ta' ħbit mill-ajru sa tard fil-għaxija l-għadu għamel tmien attakki li werwru lil kulħadd.

Ħadd ma kien qed jistenna dawn l-attakki. Ma' kull attakk, imsejkna nisa, tfal u xjuħ, kulħadd dieħel u ħiereġ taħt l-imwejjed, is-sodod u t-taraġ għall-kenn.

Hekk f'daqqa waħda, bħal kull belt u raħal, il-Koppin sabu ruħhom f'saram ġdid.

## Black Out

Ġie nforzat il-*black out* ma' kullimkien. Matul is-sigħat tad-dlam, imsejjaħ il-*blackout,* kien jiġi miżmum bir-reqqa minn kulħadd. Il-ħġieġ tat-twieqi u tal-gallarijiet kien jiġi mgħotti bi ċraret suwed biex id-dawl ma jidhirx minn barra. Is-sidien tal-ħwienet dendlu purtieri tad-drapp oħxon fil-bibien biex jinbarraw id-dawl. Lanqas nitfa dawl ma setgħet tidher min barra, u nies apposta kien jissorveljaw li ħadd ma jikser din l-ordni.

## Il-Malta Home Guard

Ftit snin qabel ma faqqgħet il-gwerra, bħala tħejjija għad-difiża tal-gżira twaqqfu diversi diviżjonijiet ta' suldati Maltin li servew ta' appoġġ għall-forzi Ingliżi fid-difiża tagħhom tal-gżejjer Maltin u ta' l-Imperu. Fost dawn il-korpi nistgħu nsemmu l-*Malta Auxiliary Corps* imwaqqfa fl-1939. L-iskop ta' dan il-korp kien dak li jiġbor voluntiera li jagħtu appoġġ permezz ta' vetturi ħafna minnhom tagħhom stess, kif ukoll servizzi oħra ta' manutenzjoni u għajnuna. Sezzjoni oħra ta' voluntiera kienet il-*Malta Volunteer Defence Force* jew il-*Home Guards* li twaqqfu



Dwal tas-searchlights waqt attakk mill-ajru.

b'avviż ippubblikat fil-gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Ġunju 1940.[1] L-għan prinċipali ta' dawn kien li jirribattu lill-attakk mill-ajru ta' l-għadu. Ma' dawn wieħed irid iżid lista sħiħa ta' gruppi oħra ta' rekluti li flimkien iffurmaw sistema komplita iżda effettiva ta' difiża tal-gżejjer Maltin. L-imsieħba kienu jiġu minn kull belt u raħal.[2]

Lista ta' rġiel minn Ħal Kirkop li servew fil-*Malta Home Guard:*

| | Isem | Indirizz |
|---|---|---|
| 1 | Camilleri Gaetan Pl. Cmdr. | 9, Naider Alley |
| 2 | Attard Nazzarenu | 7, Naider Alley |
| 3 | Ellul Joseph | 6, Sqaq Sant'Andrija |
| 4 | Camilleri Nardu | 19, Triq Santu Rokku |
| 5 | Chircop Victor | 14, Triq San Benedettu |
| 6 | Cassar Paolo | 11, Triq il-Kbira |
| 7 | Theuma Benedict | 2, Triq Santu Rokku |
| 8 | Falzon Nardu | 8, Triq San Ġużepp |
| 9 | Chircop Nardu | 50, Santu Rokku |
| 10 | Attard Peter | 22, Triq San Benedittu |
| 11 | Sacco Remigio | 11, Naider Street |
| 12 | Dimech Anthony | 71, Triq San Leonardu |
| 13 | Debono Benedict | 14, Misraħ il-Knisja |
| 14 | Debono Nardu | 22, Triq San Nikola |
| 15 | Cassar Saverio | 31, Triq San Leonardu |
| 16 | Abdilla Anġlu | 22, Triq l-Kbira |
| 17 | Callus Joseph | 31, Triq San Leonardu |
| 18 | Polidano Francis | 20, Triq San Benedittu |
| 19 | Sacco Loreto | 48, Triq Santu Rokku |
| 20 | Callus Emanuel | 29, Triq il-Kbira |
| 21 | Cassar Nardu | 5, Misraħ il-Knisja |
| 22 | Attard Pietru | 19, Triq il-Kbira |
| 23 | Farrugia Anġlu | 36, Triq San Benedittu |
| 24 | Caruana Calcedonio | 33, Triq Benedittu |
| 25 | Sacco Nardu | 25, Triq San Benedittu |
| 26 | Farrugia Carmel | 32, Triq San Benedittu |
| 27 | Azzopardi Michael | 9, Triq Santu Rokku |
| 28 | Farrugia Charles (*Company Commander)* | Żurrieq |
| 29 | Chircop Nardu | 29, Triq San Nikola |
| 30 | Chircop Benedict | 29, Triq San Nikola |

## Il-ħajja tinbidel mil-lejl għan-nhar

Ftit ħin qabel kull attakk kien jistema t-tnewwieħ tas-sireni. Il-ħbit mill-ajruplani Ġermaniżi kien il-bidu ta' mblokk kiefer, u ta' sensiela ta' attakki mill-ajru ta' ħruxija liema bħalha. F'kull ħin kienu jidħru fit-toroq ta' Malta, telgħin lejn l-irħula mill-ibliet milquta, karrozzi u karrettuni mgħobbijin bl-għamara, soror ta' ħwejjeġ u affarijiet tal-knejjes.

It-trasport ġie sospiż f'ċerti postijiet fosthom in-Naxxar, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Għargħur, Ħal Kirkop, Ħal Safi, Ħal Far u xi rħula żgħar oħra.[3]

## Il-problema tar-refuġjati

Ma kinitx ħaġa ħafifa li takkomoda tant nies li tfaċċaw għall-għarrieda minn diversi lokalitajiet milquta. Uħud minnhom intlaqgħu minn qraba jew ħbieb. Ċentri għar-refuġjati bdew jiġu magħżula u akkomodatti kif jistgħu fil-postijiet fejn jaqa' l-bini stess.

[1] MGG 1.vi.1940, Nru249
[2] J M Wismayer, *The History of the King's Own Regiment and the Armed Forces of the Order of St. John–Malta 1989.*
[3] Il-Berqa, 9 ta' Frar, 1942.

F'Hal Kirkop żewġ ċentri akkomodaw 43 membru ta' ħdax-il familja. In-nies ta' Hal Kirkop baqgħu fir-raħal għax il-RPO kienu ppreparati li jibnu kmamar lil dawk li jkunu waqgħulhom id-djar u jibqgħu jgħixu fir-raħal.[4]

## Xeltrijiet

F'dawk l-irħula fejn in-naġġara, l-bennejja u n-nies tas-sengħa kienu abbundanti, mill-ewwel indunaw li xeltrijiet imħaffer ġol-blat kien l-aħjar soluzzjoni biex wieħed jiskansa l-bombi. Nies mill-Imqabba u Hal Kirkop mill-ewwwel ħadu dan ix-xogħol fuq bażi volontarja. Sa nofs Lulju tas-sena 1941 ġa kienu tħaffru tletin xelter fil-barrieri ta' Hal Kirkop.[5]

Min qatt ma qabad baqqun b'idu, qabdu dak in-nhar. Ir-raħal ta' Hal Kirkop magħruf għall-baqquniera u naġġara kien wieħed li ta eżempju f'dan ir-rigward. M'għandniex xi ngħidu, it-tfal għenu wkoll billi bdew itellgħu t-terrapien u l-mazkan. Dawn il-kennijiet fil-blat flimkien ma' oħrajn li nbdew warajhom, tlestew minn baqquniera mħallsin mill-Gvern, megħjunin minn inġiniera Ingliżi.

Il-ħajja fix-xelter kienet iebsa ħafna, in-nies kienu jorqdu fuq xi saqqu tat-tiben mitfugħ ma' l-art, isajru u jieklu fejn jorqdu u jaħslu l-ħwejjeġ barra.

It-talba li spiss kienu jtennu kienet: "Ġesù, Ġużeppi u Marija, itfgħu l-bombi fil-baħar u fil-ħamrija," Kulħadd għall-kenn tal-blat. Meta l-lejl kien jidħol ġmielu, wara li jkun intqal ir-rużarju xi talb u kurunelli oħra, l-għejja kienet tagħmel tagħha u n-ngħas kien itaqqal l-għajnejn. Kulħadd jorqod kif jista', fost l-inħir, il-biki u t-talb.

Kien l-*Air Raid Precaution* (ARP), li ried jara li n-nies jinżlu fix-xeltrijiet u li jirraportaw il-ħsarat. Insibu li f'Novembru 1942 ġewwa Hal Kirkop kien hemm popolazzjoni ta' 929 ruħ. F'xelters tal-Gvern kien hemm spazju għal 1,340 ruħ filwaqt li kien hemm 359 post ieħor disponnibli f'xelterijiet privati. Fil-perjodu kien hemm 14-il baqqunier u 15 tas-sengħa jaħdmu fuq xeltrijiet f'Hal Kirkop. Ix-xeltrijiet f'Hal Kirkop kienu dawn[6]:

| Indirizz | Spazju (kbar) | Spazju (tfal) |
|---|---|---|
| 18, Triq San Leonardu | 23 | 14 |
| 14, Triq San Leonardu | 31 | 21 |
| 17, Triq San Leonardu | 47 | 31 |
| 5, Triq Santu Rokku | 31 | 31 |
| 4, Sqaq Nejder | 31 | 12 |
| 9, Triq Santu Rokku | 41 | 31 |
| 15, Triq San Benedittu | 45 | 24 |
| 1, Triq Valletta | 12 | 7 |
| 7, Triq il-Kbira | 34 | 27 |
| 10, Pjazza Kirkop | 37 | 24 |
| 2, Triq San Nikola | 46 | 31 |

F'irħula żgħar, il-Protection Officers kienu ta' spiss jirrikorru għall-għajnuna għand il-Kappillan. "*Prattikament, is-Sur Angelo Spiteri (Ġolin) il-Protection Officer u jien, qed nagħmlu x-xogħol kollu tal-membri l-oħra.*" Hekk kiteb il-Kappillan ta' Hal Kirkop Dun Ġużepp Inguanez.[7]

## Ħbit ma jaqta' xejn

Il-ħbit mill-ajru li l-għadu beda jagħmel, kien aħrax wisq, u kien idum jiem u ljieli sħaħ. Aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar beda jżid fit-tul u l-ħruxija. Bejn ħbit li kien idum sejjer minn fil-għodu sa ma jidlam, u ieħor ta' lejl sħiħ, kien ikun hemm żmien qasir ta' ftit minuti ta' mistrieħ. Mistrieħ ma kienx hemm l-anqas għall-irġiel li wara jum ta' sogru u xogħol iebes fit-tarzna, fl-ajrudromi u f'inħawi oħra, kienu jerġgħu lura lejn djarhom, il-lejl kienu jgħadduh fix-xelter. Fuq wiċċ kulħadd, żgħażagħ u xjuħ kienu juru t-tbatija u eżawriment kbir. Tbatija mnissla min-nuqqas t'ikel, min-nuqqas ta' rqad u mill-biża' tal-bombi.

[4] Joseph Micallef, *When Malta Stood Alone* – (1940-43) pg 159.

[5] Ibid pg.37/38

[6] Ara C. Farrugia, *Intietef mill-Ħajja tal-Koppin marbuta ma' Żminijiet tal-Gwerra* Festa 2004 pg 72/73

[7] Joseph Micallef, *When Malta Stood Alone* (1940-43) pg. 31.

## Is-Sena 1941



Suldati u pajżana jibnu l-ilqugħ għall-ajruplani. (IMW Photo)

Is-Sibt, 18 ta' Jannar, 1941, fis-2.15 ta' wara nofs inhar madwar disgħin arjuplan Ju87, Ju88, BF110 u MC 200 attakkaw l-ajrudromi ta' Ħal Far u Ħal Luqa f'attentat sfrenat biex ifarrku għal kollox l-operat ta' dawn l-ajrudromi u ma jħallu l-ebda tlugħ jew inżul. Iżda l-għadu f'din il-missjoni falla u ma rnexxilux. Iż-żewġ ajrudromi għalkemm saritilhom ħsara kbira, sa fil-għodu reġgħu bdew jiffunzjonaw. Il-ħidma d-dedikazzjoni u kuraġġ li ħadmu bihom lejl u nhar is-suldati u l-ħaddiema pajżana kienet xi ħaġa ta' l-għaġeb. L-ilqugħ imsejħin *dispersal pens*, għenu mhux ftit biex jipproteġu l-ajruplani Ingliżi u b'hekk saret ħsara minima lill-ajruplani.

Dak in-nhar tat-18 ta' Jannar, is-sema fuq dawn iż-żewġ ajrudromi kienet tagħti spettaklu tal-ġenn li ma jintesiex malajr. L-għadu waddab kwantità ta' bombi tal-ħruq fuq dawn l-ajrudromi u ħafna oħrajn viċin l-irħula ta' Ħal Luqa, l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Tarxien. Kullimkien kien mimli dawl bajdani li jgħammex, u kuluri qishom murtali tal-festa fis-smewwiet. Dawn il-bombi għamlu ħerba fuq djar, irziezet u *hangers*. Bombi qawwija twaddbu mad-dawra ta' l-ajrudrom ta' Ħal Luqa li ħafna minnhom splodew fuq l-irħula ta' Ħal Luqa, il-Gudja, Ħal Kirkop, Ħal Għaxaq u Wied il-Kbir.[8]

Biex ma jallarmawx lill-pubbliku, l-aħbarijiet u r-rapporti ta' l-andament imxandrin kemm f'Malta kif ukoll fuq in-*Network* tar-*Rediffusion* u BBC mhux dejjem kienu jagħtu stampa eżatta tas-sitwazzjoni lokali.

Per eżempju n-numru veru ta' djar imwaqqa' u li ġarrbu ħsarat, ma kinux jiġu mniżżla fir-rapporti dwar is-sitwazzjoni, u f'ċerti okkażjonijiet l-anqas biss kienu jissemmew l-imwiet ta' dawk il-persuni li kienu jmutu minħabba kumplikazzjoni marbuta mal-korrimenti bħall-mewt mit-tetnu, gangrin (*traumatic gangrene*) u infezzjonijiet oħra.[9]

## Victory Kitchens

F'dan il-waqt infetħu l-*Victory Kitchens* f'kull belt u f'kull raħal, u l-kotra kienet tmur tieħu ftit ikel ta' sehma minn hemm. Kont trid tmur bil-borma f'idejk, toqgħod fil-kju, meta jmissek tagħti l-biljett u tiġi mogħti ftit ikel. L-ikel li kien jissajjar fuq il-ħatab u biċċiet ta' travi ta' l-injam miġburin mill-bini mġarraf, kien ikun xi ftit minestra bla għaġin u xi biċċa mogħża jew sardina.

L-iskop prinċipali tat-twaqqif ta' dawn il-kċejjen kien biex il-familji ma jikkunsmawx faħam, sulfarini, pitrolju eċċ...biex isajru. Il-kċejjen kienu mmexxija minn Maltin kemm bħala koki u kemm bħala distributuri.[10]

Xejn ma kien hawn biex itaffu l-ġuħ, il-ftit frott li kien hawn, kien jinbiegħ bi prezzijiet għoljin ħafna u ma kontx issib tixtrih minn wara l-bieb, imma kont trid tmur fl-għelieqi u fi nħawi mwarrba. Il-ħarrub flok li beda jingħata b'ikel lill-bhejjem beda jinbiegħ. Kont tara tfal bil-qfief ibigħu l-ħarrub u kotra kbira ta' nies imdawra magħhom tagħżel il-ħarrub li kien jinbiegħ sold jew żewġ soldi l-wieħed.

Il-*Victory Kitchen* f'Ħal Kirkop kienet tinsab fi Triq Santu Rokku, numru 14 id-dar ta' Leonardu u Nikolina Debono *iċ-Ċombos* (in-nanniet tiegħi u b'kumbinazzjoni d-dar preżenti tiegħi) u tinfed għad-dar tal-ġirien Barbara *tal-kiexfa* (preżentament Bennett) li l-intrata tagħhom kienet tintuża bħala *store*.

## Il-ħajja tibqa' għaddejja

Kienu żminijiet imwiergħa. Jiem ta' prova iebsa, jiem ta' tbatija u sofferenzi. Jiem li waqt il-ħsejjes tas-

[8] Charles J. Boffa, *The Illustrations Blitz – Malta in Wartime* 1940-43 pg. 56
[9] Ibid. pg. 71
[10] Laurence Mizzi, *Dħaħen tal-Gwerra*, notamenti pg78.



Form 19.
Reference F. D. O. Circular No. 66/41
District Kirkop
Date 13th February 194-
RETURN showing position of Kerosene Coupons in my area for period ending Saturday 13th Feb 194-
Protection Officer.
REMARKS:—

Kupun tal-Pitrolju maħruġ mill-Protection Officer Angelo Spiteri.



No. 5 VICTORY KITCHEN Kirkop
date 19th May 1942
Sir,
Please deduct as from the ration period commencing on 6th June the quantities of rationed commodities shown hereunder from :—
Bartolo Spiridione 23 St. Rocco St.
(name and address of head of family)
who is registered with —
Mizzi Dominica
(name and address of retailer)
Sugar — Rtal Coffee — Rtal
C/Beef — Tins Oil — Terzi
Fats 1/4 Rtal T/Fish — Tins
Kerosene 1/4 Gals
Remarks :

Kupun tal-Victory Kitchen maħruġ f'isem Spiridione Bartolo



IR-RABA' TAQSIMA

Il-Karti u l-Kupuni jiġu mqassmin fl-24 u fil-25 ta' Awissu.
L-ewwel razzjon tat-trab tal-ħalib jittieħed fis-26 u fis-27 ta' Awissu.

| Victory Kitchen fejn jitqassam it-trab tal-ħalib Distrett | Għal min irreġistra fil-Victory Kitchens ta' hawn taħt |
|---|---|
| Birżebbuġa—77a—Birżebbuġa Road. | Birżebbuġa Road. |
| Marsaxlokk—86a—10, St. Joseph Str. | 10, St. Joseph Street. |
| Żejtun—15a—95, St. Gregory Street. | 95, St. Gregory Street; Victor's Lane; St. Gregory Street. |
| 33b — St. Mary Square. | St. Mary Square; Conception Street. |
| Għaxaq — 87a — St. Mary Street. | St. Mary Street. |
| Gudja — 99a — St. Mary Street. | St. Mary Street; Conception Street. |
| Żurrieq — 46a — 1, St. Luke Street. | 1, St. Luke Street; St. Bartholomew Street; St. Paul's Street; Barth Str. |
| Safi — 56d — St. Mary's Square. | St. Mary's Square; St. Paul's Street. |
| Kirkop — 21a — 14, St. Rocco Str. | 14, St. Rocco Street. |
| Luqa — 62a—116, St. Joseph Street. | 116, St. Joseph Street. |
| Mqabba — 52a — Valetta Road. | St. Catherine Street; Valetta Road, |
| Qrendi — 53a — Franciscan Nuns. | Franciscan Nuns |
| Mellieħa — 67a — Victory Kitchen Mellieħa. | Victory Kitchen Mellieħa |
| Mġarr — 44a — Dominican Nuns. | Dominican Nuns |
| Musta — 36a — Tower Road. | Tower Road |
| 90a — The Orchard. | The Orchard |
| Naxxar — 47a — Coronation Street. | Coronation Street; Dominican Nuns. |
| St. Paul's Bay — 12a — 329, St. Paul's Street. | 329, St. Paul's Street. |

Silta mill-Berqa ta' l-1942.

sireni u ajruplani, u l-isplużżjonijiet ta' bombi li jtarrxu l-ħajja kellha tibqa' għaddejja. Ħarsa lejn ir-reġistri tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop li kien iżomm il-Kappillan Dun Ġużepp Zarb turi li l-ħajja għalkemm iebsa baqgħet sejra bħas-soltu. Fis-sena 1942, insibu li r-raħal twieldu 42 tarbija, li minnhom għoxrin kienu bniet u tnejn u għoxrin subien.[11] Insibu li mietu 35 parruċċan, 14-il mara u 21 raġel.[12] Erba' biss kienu ż-żwiġijiet irreġistrati fil-parroċċa għal dina s-sena.[13] Li kieku wieħed kellu jifli dawn ir-reġistri, wieħed malajr jintebaħ kemm hu minnu li l-Koppin bħal kulħadd kienu qegħdin ibatu. Biex nieħdu eżempju l-Kappillan jinnota li ċertu Michael Falzon, *(ta' Basla) miet fejn kien jgħix fix-xelter tiegħu, fi Pjazza Kirkop.* Darba oħra jirrimarka li Francesca Camilleri *kienet tgħix "fl-għalqa ż-żgħira" (barriera bix-xeltrijet).*[14]

## Suldati Barranin stazzjonati f'Ħal Kirkop

Il-Hampshires waslu Malta fit-23 ta' Frar 1941. Huwa kienu stazzjonati l-Gudja, iż-Żurrieq u Ħal Safi. Il-Gudja kien hemm l-*A Company*. Dan ir-riġment kellu f'idejh il-ħarsien ta' parti mill-ajrudrom fl-inħawi ta' Ħal Safi kif ukoll il-kosta tan-nofs in-nhar kollha. Minħabba f'hekk ir-riġment jingħad li kien l-aktar wieħed li laqqat bombi fuqu fl-Armata Ingliża kollha. Il-Hampshires telqu minn Malta fit-30 ta' Marzu 1943 fi triqthom għall-Eġittu. F'Malta tilfu 12-il ruħ u 27 indarbu serjament.[15]

Xogħlhom kien varju. Kienu jibnu l-ilqugħ għall-ajruplani bil-ġebel tal-franka u tankijiet tal-petrol vojta u jimlewhom bix-xaħx u t-terrapien.

Ir-reġimenti kollha kienu jgħinu biex jimlew il-ħofor fl-ajrudrom li kienu jikkawżaw il-bombi ta' l-għadu.

[11] Ark. Parr. Kirkop. *Liber Baptizatorum vol V.* (1930-57)
[12] Ark. Parr. Kirkop. *Liber Mortuorium* 1942 fol 61-70.
[13] Ark. Parr. Kirkop. *Liber Matrimoniorum* vol 3.
[14] Ark. Parr. Kikop. *Liber Mortuorium* 1942 fol. 63, fol 66.
[15] *Regimental History, The Royal Hampshire Regiment, Vol 3.*

Dan kien xogħol ta' kull ħin, siegħa wara l-oħra anke fl-eqqel ta' l-attakki ħorox. B'sogru kbir, it-truppi u l-pajżana ġieli lanqas kien jistennew l-*all clear*. L-ajruplani tagħna kienu jiddependu fuq inżul ta' malajr, waqt li oħrajn kienu jkunu jistennew fl-ajru biex jipproteġu lil sħabhom. It-truppi tgħallmu jfornu l-ajruplani bil-*fuel* u jarmawh fi ftit minuti.[16]



Uħud minn dawn is-suldati ħadu grazzja ma' tfajliet Maltin jew forsi tfajliet Maltin ħadu grazzja magħhom. Min jaf? Żgur li din il-ħbiberija ġieli ssarfet fi żwieġ. Hekk insibu li tfajla minn Ħal Kirkop, Speranza Barbara żżewġet lil wieħed min dawn tal-Hampshire. Hija ltaqgħet miegħu meta kienet tgħin lill-ommha fl-għalqa, taqla' l-patata tax-xitwa.

Dan iż-żwieġ ġie rreġistrat fil-Knisja ta' Ħal Kirkop fid-**29 ta' Novembru, 1942**.[17] F'Marzu ta' l-1943 is-suldat Bennett kellu jħalli Malta għax ġie mgħajjat mar-reġiment tiegħu l-ewwel għall-Eġittu u wara Sqallija.[18] Fi Sqallija, l-istakkament tal-Hampshire u Dorsets kienu kważi żarmati u bla forzi. Kellhom jittieħdu deċiżjonijiet biex jirtiraw lura u jmorru riserva. L-imwiet u korrimenti kienu xi ħaġa tal-biża'[19] u x-xorti ma daħkitx lil dan Dennis Charles Bennet għax fl-għodwa tas-27 ta' Lulju, 1943 safa' midrub serjament u miet. Huwa ħalla lil għażiża tiegħu, Speranza armla, tistenna tarbija.

## Is-sena 1942 ħerba, ġuħ u mwiet

Ix-xitwa ta' 1941-42 kienet waħda mill-aktar qliel, ksieħ, irwiefen u ilma ma jaqtgħu xejn. L-elementi komplew għarrqu s-sitwazzjoni mal-agunija tal-ġuħ, nuqqas ta' rqad, terrur u distruzzjoni.

Fit-2 u t-3 ta' Jannar, saru attakki ħorox u kontinwi fuq l-ajrudromi. Damu sitta u tletin siegħa bla waqfien. F'Jannar, l-għadu għamel ħbit aħrax wisq u fix-xahar ta' Frar aktar żdied. Kienu attakki sfrenati u tal-biża'. Din id-darba l-għadu ried jeqridna b'kull mezz. Matul dawn ix-xhur, ħafna nies intradmu u mietu, u l-għadd ta' djar iġarrfa kiber bil-kbir. L-awtoritajiet kellhom problemi serji oħra x'jieħdu ħsieb għax twaddbu kwantità kbira ta' bombi msejħa *Butterfly-bombs*. Mijiet minn dawn ġew miġbura mill-bomb disposal units, fosthom Ħal Luqa, Ħal Safi u Ħal Kirkop. Dawn il-bombi għalkemm żgħar, kienu ta' periklu kbir għan-nies.[20]

Fl-aħħar jiem ta' Marzu, l-ajruplani ta' l-għadu bdew jiġu bi qtajjiet kbar u għamlu ħerba kbira fil-bliet u fl-irħula. Fis-26 ta' Marzu, valanga ta' bombi twaddbu fuq Ħal Luqa, Ħal Kirkop u Ħal Safi. Ħafna pumpieri ġġieldu lejl u nhar biex jitfu n-nirien ta' mad-dawra ta' l-ajrudrom. Id-dħaħen min-nirien tal-*hangers* u *stores* tal-petrol ksew Ħal Luqa u l-viċinanzi.[21]

Bir-raġun li Marzu 1942 jista' jissejjaħ l-eħrex xahar tal-gwerra, iżda x-xahar ta' April ma kienx inqas minnu. Il-qagħda aktar marret għall-agħar. Il-ħbit aħrax li l-għadu beda jagħmel f'dan ix-xahar, ta lil min jifhem li dan kien kollu tħejjija għal xi invażjoni. Fix-xtut imdawrin bil-*barbed wire,* inżergħu il-mini, u l-*home guard* ġiet imsaħħa.

L-ajrudromi ta' Ħal Luqa u Ta' Qali ġew maħbutin bl-aħrax, l-għadu tefa' fuqhom xita kbira ta' bombi li mlewhom kollha ħofor. L-għelieqi u l-mogħdijiet ta' qribhom imtlew ukoll b'ħafna ħofor kbar. Fix-xita ta' bombi li kienet nieżla, ix-xogħol baqa' għaddej, u malli xi bombi kienu jiġu fuq il-bini, n-nies ta' l-Air Raid Precaution, kienu jmorru malajr biex jeħilsu n-nies mill-bini mwaqqa'. Bil-ħidma qalbiena tagħhom, ħafna nies inħelsu minn ħalq il-mewt.

Ħal Luqa u Ħal Far setgħu jisserdku b'ilqugħ (*pens*) kontra l-*blast* u b'nies kapaċi jimlewlhom it-tankinjiet bil-petrol, jarmawhom b'munizzjoni u jibdlulhom il-piloti b'oħrajn. L-ajruplani kienu mxerrdin biex l-għadu ma jsibhomx f'massa u jeqridhom f'għamża t'għajn.[22]

---

[16] George Hogan, *Malta: The Triumphant Years 1940-43* pg. 43.
[17] Ark. Parr. Kirkop, *Liber Matrimoniorum vol 3.*
[18] Major R. T. Gilchrist – *Malta Strikes Back* pg. 18.
[19] Ibid. pg.97
[20] Charles J. Boffa *The Second Great Seige* 1940-43 pg. 72.
[21] Ibid. pg. 107
[22] Anthony Camilleri, *Il-Ħbit mill-Ajru fuq ir-Rotunda tal-Mosta*, pg 18.

## Ħsarat u tiswijiet

Konsegwenza ta' dan il-ħbit, il-bini u d-djar ta' Ħal Kirkop ġarrbu diversi ħsarat. F'korrispondenza li għaddiet bejn l-uffiċċju tal-Gvernatur u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. F'Jannar ta' l-1942, Mr. N Nunn jagħti dan il-parir:

*We should not replace glass as the area round Kirkop is liable to continual attack and we would only waste time, money and material by doing so at this stage. Please concentrate on making as many houses re-habitable as soon as possible by doing the minimum necessary to render them so.*

*Ass. to Lt. Gov*

*Mr Nunn*[23]

Ikomplu jikkorrispondu bejniethom u l-uffiċjal inkarigat jgħidlu li qed jibgħatlu lista oħra ta'djar li għandhom bżonn ta' tiswija immedjata u jinnota li f'xi każi l-ispejjeż huma kemmxejn għoljin. Jgħidlu, kif għidt tajjeb int, Ħal Kirkop huwa suxxetibbli għal attakki frekwenti u jitlob lil Mr. Nunn biex itih permess jirranġa dawk id-djar li l-ispiża ma taqbiż il-25 sterlina. Ħaġa ta' l-iskantament, l-aġent gvernatur jirrispondih lura u jgħidlu hekk: "sakemm l-*air raids* ibattu, jiena nirrakkomanda li 10 liri tkun biżżejjed.

Ftit xhur wara, sewwa sew fl-4 ta' Mejju 1942, jgħidlu li ħa x-xogħlijiet ta' tiswija f'idejh. Mur għidlu li eżattament 5 t'ijiem wara, Ħal Kirkop kellu jiffaċċja waħda mill-akbar straġi ta' matul it-Tieni Gwerra.


No. Page

From JPW - 2.1.42.

JPW.

Thank you for your report.

2. We should not replace glass as the area round Kirkop is liable to continual attack and we should only waste time, money & material by doing so at this stage.

3. Please concentrate on making as many houses re-habitable as soon as possible by doing the minimum necessary to render them so.

Sgd. N. Nunn.

5.1.42.

Instructions noted.

2. I enclose a further list of houses [illegible] repairs. It will be noticed that in [illegible] involved is somewhat relevant.

3. As you point out in [illegible] liable to very frequent attack and [illegible] I do not intend effecting repairs to houses [illegible]

General 44— Gr. 6. 41. R. 11. s. 3

Korrispondenza ta' Mr. Nunn.

## Jum id-9 ta' April, 1942

Il-Ħamis, 9 ta' April, 1942 kien l-ikreh jum għal bosta postijiet. Mal-ħerba u mwiet kaġunati mill-bumbardamenti intensi fuq inħawi mibnija u laqtiet diretti fuq bokok ta' xeltrijiet, jiżdiedu l-knejjes parrokkjali ta' erba' lokalitajiet. Fil-ħbit mill-ajru mħabbar mis-sirena fis-12.45pm iġġarrfu l-knejjes ta' Ħal Luqa u l-Imqabba filwaqt li ta' Ħal Kirkop saritilha ħsara bi splużjoni ta' bomba.[24] Magħha waqgħu djar imdawrin quddiem il-Knisja li aktar tard saret Pjazza li għadna nsejħulha l-Balla.

Dak in-nhar f'Ħal Kirkop, twaddbu bombi u splodew u waqqgħu għal kollox sebat idjar u għamlu l-ħsara lil sebgħin oħra. Iż-żewġ bokok ta' xeltrijiet pubbliċi jiġu mblukkati u jinqabdu n-nies fihom. Wara ħidma ntensiva mill-pulizija u pajżana, jinfetħu l-bokok u kulħadd joħroġ qawwi u sħiħ. Il-Knisja tar-raħal iġġarrab xi ħsarat ukoll.[25] Mix-xelter ta' fejn il-Kappella tal-Lunzjata jinħareġ Spiro Bartolo, jżomm rasu kollha dmija. Huwa jweġġa' gravi *per durata*, u jmut xi tletin jum wara, konsegwenza ta' dan l-attakk.[26]





Hawnhekk tajjeb wieħed isemmi li l-Koppin li għadhom ħajjin jgħidu li l-Koppla tal-Knisja tar-raħal ma ħassitx dak in-nhar mill-għadu. Hemm storja u verżjoni oħra. Kien bis-saħħa u l-makakkerija ta' Beneditt Debono, *ix-Xula*, li kien mgħallem mal-gvern.

[23] LGO. *Reg. No 728/42.*
[24] Anthony Camilleri, *Il-Ħbit mill-Ajru fuq ir-Rotunda tal-Mosta*, pg. 26.
[25] LGO Air Raid Precaution Bundle 25 No. 1 Air Raid NO 2042 – 9/4/42.
[26] Informazzjoni mogħtija minn Mikiel Azzopardi.

Dan ġiegħel lill-perit responsabbli li jisservelja l-ħsarat, li jiksi l-koppla l-qadima b'karta stirata biex jaraw ikunx hemm xi movimenti. Dan Beneditt, l-istorja tkompli, tela' bil-lejl u xaqqaq il-karti minn diversi bnadi, u meta ltaqa' mal-perit qallu: "qed tara, kif il-koppla qiegħda ċċedi bil-mod!" u b'dan il-mod aktar tard il-koppla nħattet u nbniet mill-ġdid kif nafuha llum.[27]

## L-eqqel tal-battalja

Matul ix-xahar ta' April 1942, il-feroċità ta' l-attakki mill-għadu laħqu l-quċċata tagħhom. Huwa stmat li matul dan ix-xahar, 6,700 tunnellati ta' bombi twaddbu u qatlu mat-300 persuna ċivili, l-għola figura mix-xhur kollha, u qerdu għal kollox jew parzjalment mal-10,000 dar. Jekk tieħu medja kien hemm attakki mal-170 bomber kuljum, Ju88 u Ju97 ġejjin fi qtajja' f'intervalli ta' tnax jew ħmistax-il minuta minn wieħed għall-ieħor.[28]

Il-qilla tal-bumbardamenti matul April 1942, l-agħar u l-ikreh xahar tal-gwerra għal Malta, ifakkruna fit-tunnellaġġ enormi ta' bombi għal nitfa ta' blata bħalma hi Malta fejn anke l-mogħoż fuq ix-xagħri tgħallmu jistaħbew f'xi ħofra meta kienu jisimgħu l-bombi neżlin.[29]

Convoys ma daħlux aktar fil-portijiet, u l-ftit affarijiet ta' l-ikel li kien baqa', inħbew. Fix-xahar ta' Mejju 1942, il-ħobż, l-ikel li jxabba lill-Malti, ġie rrazzjonat. Kull persuna kien imissu sehem ta' kwart u nofs ħobż kuljum. Ma naqasx il-*black market* ukoll.

## Ajruplani li waqgħu f'Ħal Kirkop u fil-viċinanzi[30]

| Ajruplan | Pilot/Kru | Unit | Post | Data/Ħin |
|---|---|---|---|---|
| Hurricane (Z3005) | Sgt. E. V. Wayne† | 185Sqn | bejn Safi u Kirkop | 15-5-41/12:12-12:41 |
| Ju 88 (8605/R4+CL?) | Ofw Alfred Vogel†<br>Uffz Ernst Schillung†<br>Obgir Kurt Bohme†<br>Obgir Helmut Aumann† | I/NJG 2 | Kirkop | 8-4-42/20:30-20:44 |
| Hudson (FH248?) | Plt Off Frederick Mc Brath<br>Fs Francis Grosvernor†<br>Sgt John Purdham<br>Sgt Jack Pitchford | (jittrenja) | viċin Kirkop | 19/20-6-42 Bil-Lejl |
| Ju88 (6579/3Z+Fs?) | Fw Karl Bronk†<br>Uffz Johann Gerstel†<br>Uffz Gerhard Priewisch†<br>Uffz Josef Pohl† | 8/Kg77 | Triq Salvu Sacco u Nerik Xerri, Kirkop | 20-7-42/23:46 |
| Spitfire (EP189/BR303) | Sgt Donald Hubbard† | 435Flt | viċin Kirkop | 26-7-42/08:25-09:20 |
| BF109 (10045/Yellow3?) | OFW Heinrich Slany (or Joachim Schanina)† | (I/SchG2) | viċin Kirkop | 2-11-42/13:40-14:11 |

† *Is-salib jimmarka li miet*

[27] Diversi Koppin li intervistajt kollha irakkontaw din l-istorja.
[28] Frederick R. Galea & R. J. Carauna, *Air War Over Malta*, The Allies pg11/12
[29] Preston Gover & William Mc Gaffin, Reader's Digest 1967, *Malta G.C.*
[30] Anthony Rogers, *Battle over Malta-Aircraft Losses & Crashes 1940-42.*

**8 ta' April 1942:** Invażuri ta' bil-lejl bdew jidhru saghtejn wara l-aħħar attakk, waqt li Beaufighter u Hurricane kienu fl-ajru. Fid-20.45 l-kru tal-Beaufighter – Flt. Lt. Hayton u Plt. Pff. Josling fl-X7750 – interċettaw Junker Ju88C fighter ta' bil-lejl mill-iskwadra I/NJG 2 fuq Ħal Safi (ir-raħal) u sparalu. Il-pilota ta' l-ajruplan bil-ħsara, OFw. Alfred Vogel, ipprova jniżżel b'saħħa l-ajruplan R4+CL malajr, iżda immisja r-runway għal ftit metri u baqa' dieħel f'ħajt tas-sejjieħ. L-ajruplan sar vampa nar u l-ekwipaġġ tiegħu miet fil-post. Id-denb ta' l-ajruplan bl-arma ta' l-iswastika ġiet salvata u ndendla bħala *souvenir* mal-ħajt ta' l-*officer mess*.[31]

**20 ta' Ġunju 1942:** Fis-sigħat bikrin tal-20 tax-xahar, ajruplan tat-tagħbija Hudson (FH248) ikkraxxja f'għalqa viċin Ħal Kirkop, l-osservatur safa' maqtul, ieħor tal-ekwipaġġ korrut u tielet wieħed b'xokk qawwi.[32]

**20 ta' Lulju 1942:** Bombers Ġermaniżi ppenetraw l-ajru ftit qabel nofs il-lejl, u l-membri ta' l-ekwipaġġ kienu avżati biex jibbumbardjaw Ħal Luqa. Hawnhekk, ajruplan Baltimore ta' Sqwadra 69 ġarrab ħsarat ikkaġunati minn blast ta' bomba qawwija, iżda mertu għal *barrage* qawwi u preċiż tal-kanuni difensuri, żewġ ajruplani Ġermaniżi jintlaqtu u jitħawlu għal isfel. Iż-żewġ ajruplani 8/KG 77, u 3Z+FS waqgħu f'għalqa viċin Ħal Kirkop, u waqqgħu razzett. Minn ta' l-inqas tlieta mill-ekkwipaġġ jisparixxu fit-tifrik, filwaqt li l-ajruplan 3Z+CS misjuq minn Lt. Rolf Haekel jispiċċa fil-baħar.[33] (Ara rapport dettaljat aktar 'l isfel).

**28 ta' Lulju, 1942:** Ajruplan ta' Sgt. Don Hubbard (EP 189) intlaqat mit-tiri ta' l-għadu u l-ajruplan tiegħu kkraxxja f'għalqa viċin Ħal Kirkop hekk kif kien qed jimmanuvra biex iniżżlu Ħal Luqa: l-ajruplan ħabat b'impatt qawwi ġo ħajt tal-ġebel, iqaċċat ġewnaħ wieħed u jgħaddi bi żbrixx minn ma' partita Beauforts ipparkjati. Il-pilota, b'xorti ħażina, ma ħelishiex u baqa' tal-post.[34]




*Lance Bombardier* Stan Fraser, jirrakkonta dan l-inċident. Dak il-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Lulju, 1942, kien hemm żewġ attakki mill-ajru. It-tieni *air raid* sar bejn 22.52 u 00.25 meta min ta' l-inqas tmien ajruplani min ta' l-għadu qasmu l-kosta. Dawn irħewlha lejn it-targets tagħhom, jibbombardjaw iż-Żejtun, Ħal Luqa, Ħal Safi u Ħal Far. L-ekwipaġġ ta' l-ajruplan *Beaufighter*, li kien għadu fl-ajru mill-attakk ta' qabel, irraporta li lemaħ ajruplan itir elf pied fuqhom mid-direzzjoni opposta, iżda ma setgħax jinterċettahom. Iżda AA gunners (ta' kontra l-ajruplani) laqtu tliet Ju88. Ikompli jirrapporta Stan Fraser:

"il-lejl l-ieħor xhedna għall-eżempju sabiħ ta' kif żviluppat il-koperazzjoni bejn il-forzi kollha tal-gżira...

Għall-ħabta ta' l-10.30 ta' bil-lejl jiena kont qed nikteb bid-dawl tax-xemgħa – daqqet is-sirena, tavża li wasal attakk ieħor u hekk kien għax f'daqqa waħda smajt il-magni fuq rasi.

Hekk kif frixt barra għad-dawl tal-qamar stajt nara t-target, ġa illuminata b'konċentrazzjoni ta' *searchlights*. Il-qamar kien kważi kwinta u s-*searchlights* ħolqu meravilja ta' dwal jirriflettu fl-ilma tal-bajja ta' taħti. Jien ġrejt għal kamera tar-ritratti, poġġejtha fis-sod biex nuża *time exposure* ħalli bid-dawl ta' l-istess sparatura tal-kanun hekk kif jilqgħu l-ajruplani, jkolli ritratt tajjeb. Fi ftit minuti li l-ajruplan ta' l-għadu nqabad fid-dawl tas-*searchlights*, huwa kkraxxja fiċ-ċentru tal-gżira u sar fjamma. Jiena rnexxieli nieħu dan ir-ritratt.



Leħħa ta' l-ajruplan waqt li sploda u waqa' fuq Ħal Kirkop
(Ritratt: Stan Fraser)

---

[31] Christopher Shores & Brian Cull with Nicola Malizia, *Malta: The Spitfire year 1942, pg. 174.*
[32] Ibid. pg. 361.
[33] Ibid. pg. 422.
[34] Ibid. pg. 437.

Dan l-8/KG 77 fil-fatt waqa' Ħal Kirkop u l-erba' membri ta' l-ekwipaġġ mietu. Il-fdalijiet tagħhom indifnu fil-baħar Wied iż-Żurrieq.

Ikompli jirrakkonta: "...l-anqas biss laħaq ikkraxxja dan l-ajruplan li ieħor ma nqabadx fid-dawl tas-*searchlights*...reġa' nqabad ajruplan ieħor fid-dawl bħall-oħrajn...iżda dan waddab xi bombi li sfortunatament farrket u qatlet tim li kienu fuq Bofors. Mietu diversi Maltin u Ingliżi waqt dan ir-raid.

Iżda l-mewt tagħhom dak in-nhar ġiet rivendikata, għaliex sħabhom irnexxielhom iwaqqgħu ajruplan ieħor il-baħar viċin Dellimara...din kienet biċċa xogħol ta' ħila kbira li wieħed għandu jibqa' jgħożż".[35]



Wieħed mill-erba' kanuni ta' kontra l-ajruplani f'Bengħajsa li waqqgħu l-ajruplan fuq Ħal Kirkop (Ritratt: Stan Fraser)

## Niftakar tajjeb

Nardu Vella rrakkontali hekk: "dak l-ajruplan kien ġej minn Birżebbuġa, kien fl-għoli, tbaxxa u s-*searchlights* baqgħu miegħu...ġie minn hemm...u jien kont barra, jiena u *Sekkisu* għax ukoll ma kienx jinżel fix-xelter u kif ma rajniehx iżjed, inżilna...l-ajruplan ħabat mal-faċċata tan-*Nusnos*...il-magna ta' l-ajruplan ġiet taħt il-ħajt tagħna, u waqgħet b'sabta kbira bejn tal-*Prince* u ta' *Żogrog*...l-iskrun ħabat mal-faċċata ta' *Agta*...bomba kbira ta' 500 libra ġiet ġo ta' Pietru ta' *Lużar*, wieħed bil-paraxut ġie ġol-pala tal-bajtar taċ-*Ċinoklu*...fejn kien idaħħal il-karretuni hemmhekk...rota sħiħa ta' l-ajruplan waqgħet ġo ta' Ċikku ta' *Borom*. L-ajruplan tkisser għal lest...u wara ftit ħa n-nar...Rajt ras ta' bniedem taħt il-lewża tal-*Prince*...rajtha, nofs bniedem kien hemm u xi ħadd ħadlu ċ-ċurkett tad-deheb min idu...

Wieħed mill-ekwipaġġ baqa' mdendel ġot-tieqa tad-dar ta' Salvu Azzopardi, numru 9, Triq Santu Rokku, (id-dar tan-nannu tiegħi). Bendu Cassar jirrakkonta: "qalu hemm Ġermaniż jew Taljan imdendel għal isfel ġot-tieqa ta' *Ċafiku*. Ħadd ma seta' joħroġ barra sakemm saru l-inkjesti." Sal-lum mal-faċċata fir-raba' filata taħt is-soll tat-tieqa wieħed għadu jara graffiti perfetti li xi ħadd naqqax ta' żewġ ajruplani u kanun jispara. Jidher ukoll paraxut miftuħ b'bomba farfett imdendla miegħu. Xi ħadd deherlu li għandu jħalli memorja ta' dina l-vittorja mnaqqxa fil-ġebel.



Ta' tfal li konna, tfal li ma doqniex l-imrar tal-gwerra konna nsaqsu "x'inhuma dawna t-tpinġijiet fil-ġebel" għax konna naħsbu li xi tfal kienu qed jużaw il-ħajt flok lavanja (*blackboard* jew illum *whiteboard*). Kif qal tajjeb Desiderius Erasmus: "*Dulce bellum inexpertis* – hienja dawk li ma jafux x'inhi gwerra."

## Kif jiftakruha

Frenċ Mizzi, *taz-Zokkra,* jirrakkonta: "Inqbadt bil-lieva u għamilt 3 xhur Rikażli. Konna ġol-kampijiet u taħt il-ħarrub. Kellna biss uniformi, pala, fis u azzarin. Konna msejħin tal-Pijunieri. Niftakar konna ħadna ritratt x'imkien Ħaż-Żebbuġ.

Żeppi Cutajar, *iż-Żinnu* x-xiħ, kien magħna. Jien kont apprentist, suldat tas-sold (għax kellna tmintax irbiegħi fix-xahar). Għamilt xi żmien kont bil-*light duty*, tmintax-il xelin fil-ġimgħa. Lejl u nhar. Kont taħt is-surġent Camilleri (minn Ħaż-Żebbuġ). Jiena kont ta' Kandja, mas-suwed. Xogħol il-pijunieri kien

[35] Stan Fraser, *The Guns of Haġar Qim*, pg. 166

iwittu l-ħofor tal-bombi. Niftakar darba morna narmu l-bombi lejn Filfla bil-barkun. Ġieli morna nbatlu wara Għawdex.

Ġo l-għalqa ż-żgħira (il-lum Pjazza Żernieq) kien hemm ix-xelters. Darba waħda, *Macokklu* x-xiħ li kien mal-volontiera jispara għal-*messershmitt* li kien fil-baxx. L-għada l-istess pilot niżel ipattiha għax niżel fil-baxx u laqgħat *direct hit* – il-ħmara *taċ-Ċombos* li kienet marbuta ma' ħajt. Bombi oħra waqgħu ġo ta' l-*Għaxqi* u oħra ġo *ta' l-Ikħal*."

Nardu Cassar, *id-Disgħa*, jirrakkonta hekk: "Jien ta' tifel li kont ta' xi għaxar snin kont dejjem niġġerra u ma ridtx nidħol f'xelter...ma kontx naf x'inhi biża'. L-hena tiegħi kont nara l-ġlied bejn l-ajruplani fis-smewwiet. Niftakar darba ajruplan Wellington, sploda l-*karwija* (eżattament fejn l-għalqa taċ-Ċinoklu). Dak in-nhar saret ħerba sħiħa. Dam jaqbad ħafna. Ħal Kirkop kien qisu fortizza. Ħadd ma seta' joħroġ barra. Suldati bl-azzarini kienu ma kullimkien. Aktarx li *shrapnel* ta' bomba daħlet ġo *bowser* tal-*petrol* u splodiet kollox. Xejn ma kien ċert għax ma kontx tista' titkellem kif ġieb u laħaq...Naħseb li l-militar anke ried iwitti fejn illum hemm Kirkop 2, għax saru diversi manuvri."

Niftakar diversi Suldati stazzjonati fid-dar ta' Tereża *ż-Żurriqija*, fit-triq taċ-ċimiterju, fil-każin ta' San Anard u f'Tas-Sorijiet."

## Safi Strip – Il-Karwija

Fuq inizjattiva ta' Air Vice Marshall Hugh Lloyd, tfasslet runway proviżorja magħrufa bl-isem ta' Safi Strip. Kienet tintuża l-iżjed f'każi ta' emerġenza. Kienu jgħassuha s-suldati tar-*Royal Hamsphire Regiment*.

Dan l-ajrudrom ġie deskritt bħala wieħed mill-aħjar *dispersal strips* li qatt ġie mfassal u għaqqad lil ta' Ħal Luqa u ta' Ħal Far. Kien magħruf bħala Safi strip (għalkemm kien mibni kollu kemm hu f'għelieqi u akwati ta' Ħal Kirkop) kien jikkonsisti fi *track* isserrep qalb il-blat, ħbula mtarrġin, siġar tal-ħarrub u arbuxelli.

Il-ħaddiema Maltin ġew ingaġġati fuq dan ix-xogħol biex ma jaqax lura u jitlesta fil-ħin. Wiċċ dawn ir-runways ma kienx tat-*tarmac* imma miksi u mxarrab b'żejt u diesel biex ma jtirux trabijiet.

Fl-20 ta' Marzu, 1943 RAF Safi ġie inawgurat taħt il-kmandant Wg Cdr I.B. Westmacott, *No 196 Squadron* kienet l-ewwel unit ibbażata hemm.

Tunnellati ta' bombi nieżlu bħal xita fuq Safi matul ir-rebbiegħa u l-ħarifa Blitz ta' l-1942 għax it-*taxi ways* u *dispersal* kien targets eċċellenti għal Luftwaffe (qawwa ta' l-ajru Ġermaniża).[36]



Xena tipika Maltija.

## Air Raids u aktar Bombi

Dawn li ġejjin huma ċifri ta' air raids u dettalji oħra kif seħħew jum b'jum f'Ħal Kirkop matul is-sena l-1942. Il-lista li ġejja hi meħuda mid-dokumenti uffiċjali ta' l-*Air Raids Precautions Department* u tinkludi n-numru ta' l-air raids, id-data, il-ħin u l-ħsarat. L-attakki u l-avvenimenti kollha fihom dettalji qosra ta' x'ġara, u f'każi hemm noti supplimentari li wara li sar ir-rapport dan ġie rranġat.[37]

| Data | Air Raid No. | Ħin | Dettalji |
|---|---|---|---|
| 02.01.1942 | 1182 | 23.05-01.16 | Tliet bombi waqgħu u splodew f'*Ta' Ċelu* limiti ta' Ħal Kirkop, jikkawżaw ħsarat fl-uċuħ tar-raba', xejn imwiet. |
| 07.01.1942 | 1219 | 17.18-17.57 | Fi Triq San Anard, il-bombi jagħmlu ħerba' mill-uċuħ tar-raba'. Tliet bombi waqgħu u splodew fi Triq il-Gudja u jwaqqgħu diversi ħitan tas-sejjieħ u jħarbtu |

[36] Richard J Caruana, *Victory in the Air*, pg. 234.

[37] LGO Air Raid Precautions Bundle 25 No 1.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16.01.1942 | 1300 | 17.00-17.46 | l-uċuħ tar-raba'. Xejn imwiet.<br>Żewġt idjar isiru ħerba u oħra ġġarrab ħsarat, fi Triq San Anard. |
| 03.02.1942 | 1462 | 16.25-18.21 | Bomba tisplodi f'High Street, u teqred għal kollox ħamest idjar, f'6 oħra tagħmel ħsarat parzjali u 10 t'idjar oħra ssirilhom ħsara bil-blast.<br><br>Iż-żewġ bokok ta' xelter privat jiġu mbarrati, iżda l-5 persuni li kienu jistkennu hemm ġew, ħarġu qawwijin u sħaħ. Mietu xi ngħaġ, mogħoż u korra żiemel. |
| 16.02.1942 | 1581 | 11.35-11.59 | Raġel jinqatel bil-blast ta' bomba f'għalqa tiegħu viċin l-ajrudrom ta' Ħal Luqa. Dan il-vittma rreġistrat fuq Ħal Luqa. (Jista' jkun li kien Mikiel Farrugia l-ewwel vittma minn Ħal Kirkop). |
| 21.02.1942 | 1606 | 13.33-14.12 | 4 bombi jintefgħu u jisplodu fl-għelieqi fi Triq Valletta u jagħmlu ħsara fl-uċuħ tar-raba' u ħitan tas-sejjieħ. |
| 22.02.1942 | 1615 | 00.47-05.25 | Bomba tisplodi eżattament fuq dar numru 54, Triq San Anard u twaqqa' nofs il-bini. Bl-isplużjoni jinqatlu xi ngħaġ u mogħoż. |
| 02.03.1942 | 1687 | 17.17-18.06 | 7 bombi jitwaddbu u jisplodu f'għelieqi limiti tar-raħal u jikkawżaw ħsarat fl-uċuħ tar-raba' u jwaqqgħu dwejra. |
| 03.03.1942 | 1697 | 16.55-18.46 | Waqt dan l-attakk diversi djar jiġġarfu. Nofs l-għassa tal-pulizija tiġġarraf iżda ma jweġġa' ħadd. |
| 08.03.1942 | 1740 | 07.22-19.02 | Dan l-attakk dam kważi tnax-il siegħa u r-raħal ma ħelishiex. Bomba kbira tintefa u tisplodi f'għalqa wara Triq San Anard u twaqqa' dar u tagħmel ħsara fi13-il dar oħra. Bomba oħra tisplodi f'High Street u tagħmel ħerba min tmint'idjar. Żewġ nisa jintradmu ġot-tifrik (debris) ta' xelter privat f'High Street. Xi residenti u l-pulizija tar-raħal ġrew malajr u ħarġu liż-żewġ nisa qawwijin u sħaħ. |
| 09.03.1942 | 1749 | 12.24-15.53 | Numru ta' bombi jintefgħu u jisplodu f'diversi għelieqi bejn l-ajrudrom ta' Ħal Luqa u Ħal Kirkop. Karozza tal-pulizija ġġarrab ħsarat konsiderevoli. Bomba oħra taqa' viċin iċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop u ma tisplodix. |
| 08.04.1942 | 2028 | 20.30-20.44 | Ajruplan Ingliż jikkraxxja f'għalqa viċin ħafna ta' posta ta' kanun. Membru ta' l-ekwipaġġ jitlef ħajtu u ieħor isalva. Dan ir-rapport l-għada jiġi kkoreġġut (*Corregundum*) u jgħid li l-ajruplan kien Junker 88 u mhux Ingliż. Jgħid ukoll li ż-żewġ piloti it-tnejn tilfu ħajjithom. |
| 09.04.1942 | 2042 | 12.45-14.12 | Tliet bombi jisplodu fuq binja bini viċin il-Knisja u jwaqqgħu sebat idjar filwaqt li sebgħin oħra jiġrilhom |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | il-ħsara. Iż-żewġ bokok tax-xelter ta' fejn il-Knisja jiġu mblukkati. Issir ħidma intensiva biex joħorġu lil dawk li nqabdu hemm ġew. Ħadd ma weġġa'. F'rapport supplimentari l-għada. jgħid li l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop issoffri ħsarat strutturali wkoll (Ara aktar dettalji f'dan l-artiklu). |
| 11.04.1942 | 2065 | 19.21-22.28 | Rapport supplimentari jirraporta li bomba tisplodi fiċ-Ċimiterju ta' San Nikola u tagħmel ħsarat f'diversi oqbra u monumenti. Ħadd ma weġġa'. |
| 10.05.1942 | 2324 | 18.10-19.49 | Fil-Pjazza tar-raħal *splinter* tolqot mara u tkorriha ħafif. |
| 26.05.1942 | 2447 | 19.13-19.30 | Bomba tisplodi fi Triq Valletta u twaqqa' ħamest idjar. Tnejn ikorru u jintbagħtu l-isptar għal aktar kura. |
| | 2439 | 01.09-02.16 | Rapport supplimentari: Bomba taqa' fi Triq San Ġużepp, u tagħmel ħerba minn ħamest idjar. Ħadd ma weġġa'. Bomba oħra tisplodi f'għalqa u tagħmel ħsara minima. |
| 06.06.1942 | 2505 | 07.15-07.43 | Rapport Supplimentari: ħames bombi jisplodu f'għelieqi wara Triq San Anard, iżda ma jagħmlux ħsara.<br>Mara korriet ħafif bil-ġebel li tar bil-blast.<br>Erba' bombi qawwija (HE) u żewġ bombi tan-nar (incendiary) jisplodu fl-għelieqi viċin ta' Ħal Kirkop iżda ssir ħsara minima. |
| 19/20.06. 1942 | | | Rapport supplimentari ta' matul il-lejl: Ajruplan Bomber Ingliż Hudson jikkraxxja f'għalqa limiti ta' Ħal Kirkop. Membru ta' l-ekwipaġġ imut, l-ieħor ikorri serjament u t-tielet wieħed taħt xokk qawwi. |
| 21.06.1942 | 2592 | 22.35-23.43 | Bomba tisplodi fuq il-bini fi Triq San Ġużepp u twaqqa dar għal kollox. Tagħmel ħsarat estensivi fi tlieta oħra. |
| 26.06.1942 | | | Rapport supplimentari: Fis-26 tax-xahar, fid-9.00pm waqt li Cpt. Jones RAF kien qed jiddefjuża bomba ta' kontra l-personnel li ma ħaditx f'għalqa viċin Ħal Kirkop, din tieħu f'idejh u tħallih imtertaq fuq il-post. |
| 01.07.1942 | 2653 | 04.10-05.13 | Rapport supplimentari: Bomba tisplodi fuq dar Nru. 56 Triq Sant'Andrija Ħal Kirkop, u twaqqa' parti minn din id-dar. Ħadd ma miet. |
| 06.07.1942 | 2699 | 09.10-09.37 | Bombi jisplodu fi Triq San Anard, High Street u f'għelieqi li jmissu ma' Triq San Benedittu. Issir ħsara li żewġt idjar u razzett tal-ħnieżer. Imutu xi ħnieżer. |
| 07.07.1942 | 2707 | 07.42-08.18 | Diversi bombi splodew f'għalqa magħrufa bħala 'Ta' l-Għadir' limiti ta' Ħal Kirkop. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08.07.1942 | | | Rapport supplimentari: illum 8 ta' Lulju, 1942 waqt li Saviour Sacco, ta' tnax-il sena minn Ħal Kirkop kien qed jilgħab b'xi bomba din ħadet f'idejh u korrietu f'idejh il-leminija. Huwa mbagħad ittieħed għal kura fl-Isptar Vincenzo Bugeja. |
| 20/21.07. 1942 | 2776 | 225-0027 | Bomber Ġermaniż jikkraxxja f'għalqa Ħal Kirkop, jolqot razzett u jwaqqgħu. Membru ta' l-ekwipaġġ imut.<br>Rapport Supplimentari: Fdalijiet oħra ta' iġsma, (ras, tliet pari saqajn u tliet idejn) instabu viċin it-tifrik ta' l-ajruplan Ġermaniż li kkraxxja f'Ħal Kirkop. Dawn ġew imneħħija mill-personnel militari. (Aktar dettalji fl-artiklu). |
| 28.07.1942 | 2822 | 0835-0920 | Ajruplan Spitfire Ingliż jikkraxxja f'għalqa 'Tar-Ramlija'. Il-pilota Ingliż jitlef ħajtu. |
| 27.08.1942 | 2932 | 0003-0104 | Tliet bombi qawwija (Highly Explosive) jisplodu fi Triq San Benedittu, fi Triq San Ġużepp u f'għelieqi tal-viċin. Erbat idjar saru ħerba u erba' oħra ġarrbu ħsarat kbar. Ħadd ma' miet. |
| 23.09.1942 | | | Rapport supplimentari: 23.09.42. Madwar l-4.30 fil-għaxija, waqt li Leonardo Abdilla, ta' tmien snin, minn Ħal Kirkop kien qed jilgħab b'bomba AP Anti Personnel mhix sploduta, din ħadet u korrietu f'wiċċu. Wara li ġie kkurat huwa ntbagħat id-dar |
| 11.10.1942 | 3034 | 1742-1845 | Bomba tisplodi fuq djar fi Triq San Anard u twaqqa' parzjalment erba' minnhom.<br>Ħadd ma miet. |
| 02.11.1942 | 3152 | 1340-1411 | Ajruplan ta' l-għadu jikkraxxja f'għalqa Ħal Kirkop. l-pilota tilef ħajtu. |

## Il-vittmi tal-Gwerra Koppin

L-istoriku u arkitett Hugh Braun, meta ġie mqabbad jagħmel ir-rapport tal-ħsarat tal-gwerra jgħidilna li Ħal Kirkop xortih ħażina għax jinsab bejn l-ajrudrom ta' Ħal Luqa u dak ta' Ħal Safi, kif nafuh aħna tal-Karwija.[38] Iżda għal dak li jirrigwarda korrimenti u mwiet naħseb li Ħal Kirkop kien xortih tajba. Ħafna huma tal-fehma li l-ġebla Maltija u x-xeltrijiet kienu fattur li għenu jiġu skansati dawn it-traġedji.

Tlieta kienu l-vittmi Koppin:

**Mikiel Farrugia**, l-iżgħar vittma Koppija kien fl-aħjar ta' ħajtu. Kien għad għandu biss 30 sena. *Il-Lipp* kien tifel uniku iben Ġużeppi *tal-Kampanell* u Rożi Axiak *ta' Lippina*. Dak il-jum tas-17 ta' Frar, **1942** kien f'għalqa f'*tar-Ramilija*, ma' missieru u kif semgħu t-tinwiha ta' l-ajruplan hu u missieru ġrew għall-kenn. Il-missier laħaq qabeż iċ-ċint tas-sejjieħ, iżda ibnu Mikiel ma laħaqx għamel żewġ passi. Huwa ntlaqat minn *shrapnel* f'dahru, u waqa' għaxi taħt iċ-ċint. Kif il-missier induna li ibnu għadu ma qabiżx il-ħajt, ġera lura u sab xena li ħadd ma jixtieq jgħaddi minnha. Sab lill-ibnu jieħu l-aħħar nifs.[39] Illum hemm lapida ta' tifkira, li b'xorti ħażina la l-kliem u lanqas id-dati ma jingħarfu. Din tinsab fit-triq li l-lum tagħti għaż-Żurrieq.

[38] Hugh Braun, FSA., FRIBA., *Works of Art in Malta, Losses & Survivals in the War* pg. 10
[39] Skond informazzjoni minn Wistin Axiaq.

Huwa ġie midfun fiċ-Ċimiterju tar-raħal San Nikola fil-qabar numru 39.[40]

Bendu Cassar ta' *Ġanni ta' Bent'* jirrakkonta hekk: "dak in-nhar li miet Mikiel tal-*Lipp,* kont qed niffaħ il-lant ta' l-irdiem, biz-zappun taħt il-ħajt, jiena hawn u taħti l-katina, u l-bomba ħadet hemm daqs ħames metri bogħod...in-nies qalu "hemm tifel min ta' Ġanni ta' Bent mejjet f'tar-Ramlija" dak iż-żmien kollox hekk kien...filli ħajt, filli mejjet...jew mirdum. Dak in-nhar jiena ħlistha minn ħalq il-mewt.

**Is-Sibt, 2 ta' Mejju, 1942,** fost 24 vittma ta' dak il-jum li kollha kienu miż-Żejtun, insibu lil **Leonardo Cassar**, *Burżinu,* ta' 76 sena minn Ħal Kirkop.[41] Nardu kien imur ibiegħ u ġieli jixtri wkoll xi prodotti tar-raba' minn dawk l-inħawi. Huwa nlaqat min xi *shrapnel* fejn il-Kappella ta' Sant'Agata, bejn iż-Żurrieq u Ħal Far.[42] Huwa miet aktar tard fl-Isptar Vincenzo Bugeja, Sta. Venera u ġie midfun fiċ-Ċimiterju San Nikola qabar numru 41. Fir-reġistru parrokkjali, minn idejn il-Kappillan Dun Ġużepp Zarb, nsibu li miet fl-1 tax-xahar u mhux fit-2 ta' Mejju.[43]

Il-mewt ta' **Spiro Bartolo**, *tal-bombli* ġiet irreġistrata fit-**23 ta' Mejju, 1942**. Iżda dan Spiro weġġa' serjament meta waqgħet il-bomba ta' maġenb il-Knisja magħrufa bħala 'l-Balla'. Huwa kien fix-xelter ta' ħdejn il-Kappella tal-Lunzjata jiġifieri fejn id-dar tiegħu li kellha bieb numru 23 jagħti għal Triq Santu Rokku u minn wara jagħti għall-Pjazza Maggiore (il-lum, Kirkop Square jew il-misraħ). Bendu Cassar jiftakar li hu kien wieħed minn dawk li għenu biex Spiro jinħareġ mix-xelter.

Spiro kellu 73 sena u kien għadu attiv. Fil-fatt huwa kien għadu fil-kariga ta' President tal-Każin ta' San Ġużepp. Mikiel Azzopardi, jiftakkru tajjeb: "Spiru kien dejjem pulit u jridha. Xogħlu kien barbier, u dejjem liebes kappell bir-rixa."

Ħaġa ta' l-iskantament kif il-mewt ta' dan Spiro Bartolo ma tidhirx li ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Parroċċa. Ma nafx x'ġara! Irnexxieli nsib kopja tal-kupun tal-*Victory Kitchen* jgħajjat lil dan Spiro, mmarkat bl-ittra *stopped* li jġib id-data 19 ta' Mejju 1942.[44] jiġifieri 4 t'ijiem qabel ma miet. Ma nafx x'ġara. Kif mhux imniżżel fir-reġistri tal-Parroċċa?

Nazzarda ngħid għax kien il-President tas-Soċjetà San Ġużepp? Min jaf! Indifen x'imkien ieħor u ma ġiex irreġistrat f'raħal twelidu? Xi wħud qaluli li ċerti li Spiro ndifen Ħal Kirkop. (Forsi għad isir studju profond aktar 'il quddiem).



"Int li għaddej ftakar fir-ruħ ta' Mikiel Axiaq..." - Ġebla biex tfakkar il-post fejn Mikiel safa vittma.

**In Memory of**
**Civilian SPIRO BARTOLO**

**Civilian War Dead**
**who died age 73**
**on 21 May 1942**
**of 22 Kirkop Square, Kirkop. Died at Kirkop.**
**Remembered with honour**
**MALTA, G.C.**




**Commemorated in perpetuity by**
**the Commonwealth War Graves Commission**

http://www.chgc.org/search/casualty_details.aspc?casualty-3171419

[40] Ark. Parr. Kirkop *Liber Mortuorium* 1942, fol. 61.
[41] Michael Galea, *Diary of a War,* pg 126.
[42] Skond informazzjoni ta' Ġużeppi Cassar, *Żmilli*
[43] Ark. Parr. Kirkop *Liber Mortuorium* 1942, fol. 64.
[44] Anthony Zarb Dimech, *Mobilisation in Action, A History of Civil Defence*. 1940-42 pg. 41.

## Baqgħu bla makfar

Hija ħaġa tal-mistħija kif wara 66 sena lanqas issib xi biċċa rħama għalihom. Naħseb li f'Malta kollha, il-vittmi Koppin biss m'għandhomx isimhom imnaqqax b'tifkira. Riċentament, il-Kunsill Lokali waħħal plakka żgħira biex ifakkar il-bomba li waqgħet maġenb il-Knisja Parrokkjali u biex tbiegħed il-gwerer. Fl-opinjoni fqira tiegħi dan mhux biżżejjed għax ta' lanqas nippretendi l-ismijiet tal-vittmi għax fl-aħħar mill-aħħar il-bini reġa' tela' jew sar pjazza iżda l-vittmi ma ġewx lura! Jien tal-fehma li xxaħħaħna wisq ma' dawn ħutna li mietu ntortament jew forsi mietu biex ngħixu aħna!




## Ħal Kirkop: Ir-Ruħ Maltija[45]

*Kirkop: The Spirit of Malta*
He can bomb us, he can rake us,
He can blast our homes and shake us,
But he won't destroy the spirit of the people.
If you feel inclined to doubt me,
Sideways glance and scoff, or scout me,
Go and take a look at Kirkop and its People.

There a street, a rubble heap.
There a woman with her sheep
And a goat or two, is walking near the steeple.
Though there's not much road to walk on
There are lots of things to talk on
Down at Kirkop, if you like to talk to people.

There the flowers still are growing
Though the bombers come a-sowing.
"When the siren wails we have to rush and scatter
"And we get down in the shelter
"Pitter patter, helter, skelter.
"We're in the target and his bombs can shatter.

"If you've ever seen our village,
"Seen our church, our streets, our tillage,"
"In the days before the Boche made war on childer,
"You will know why we are holding
"Firm of heart to stones and moulding,
"Standing by to build it up when times get milder."

All of Malta's had its trials,
And they're written in the files,
But we'll take a darned sight more than he has given,
For our children's happy laughter
Still resounds, and what we're after
Is a better, safer world for them to live in.




---

[45] George Hogan, *Malta: The Triumphant years - 1940-43* pg. 85/86. O God of Courage pg. 41/42.

He can bomb us, he can rake us,
He can blast our homes and shake us,
But he won't destroy the spirit of the People.
If you feel inclined to doubt me,
Sideways glance and scoff, or scout me,
Go and take a look at Kirkop and its People.


George Hogan

X'ċertifikat isbaħ min dan għandu wieħed jistenna, meta s-suldat George Hogan li kien mar-Reġiment tal-Hampshires iqabbel lil Hal Kirkop, "mar-ruħ Maltija." Huwa jagħti ritratt mill-isbaħ tar-raħal ta' niesu fl-eqqel ta' l-assedju filwaqt li jfaħħar l-ispirtu u l-kuraġġ tal-Koppin (ta' nannietna u missirijietna). Huwa jqisna bħala x-xempju tal-Maltin. Tant kien impressjonat dan is-suldat u poeta, (aktar tard laħaq Maġġur) li semma l-ispirtu imitabbli tal-Koppin fl-aqwa żewġ kotba tiegħu: **Malta, the Triumphant Years 1940-43** u **"O God of courage!...Three years under bombardment and siege.**

George Hogan, għalkemm barrani għaraf jifhem lil niesna li jsaqsi x'kien jgħaddi min għalihom, ir-raħħala jistennew f'darhom u jistkennu fix-xelter, dawk li kienu jgħixu viċin l-ajrudrom ta' Ħal Luqa.[46]

## Il-*Convoy* ta' Santa Marija

Fl-ewwel jiem ta' Awwissu, *Convoy* mgħobbi b'ħażniet kbar li kienu biżżejjed biex iġiegħlu l-gżira tistejqer, telaq mill-Ingilterra għal Malta. F'dan il-*convoy* kien hemm it-tanker Amerikan Ohio li kien mgħobbi b'tagħbija petrol. Wara battalja qalila, dan it-tanker ġie rmunkat lejn il-Port il-Kbir u t-tagħbija ġiet salvata u l-petrol tbattal kollu.

Bil-ferħ, in-nies bdiet tidħak u tibki fl-istess ħin. Kien il-jum għażiż tal-Festa tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija: 15 ta' Awwissu 1942, meta l-*convoy* daħal fil-port. Kif jaf kulħadd, dan il-*convoy* għadu jissemma' sal-lum il-*Convoy* ta' Santa Marija.

Fl-aħħar xhur tas-sena 1942, il-qagħda bdiet titjieb bil-ftit il-ftit. L-ajruplani tagħna bdew jagħtu lill-għadu bl-istess arma li ta lilna. Il-jiem ta' l-għaks u tan-niket bdew jgħibu u jiem ta' ferħ u hena bdew jidhru fuq ix-xefaq.

Nhar it-8 ta' Mejju, 1943, fil-jum għażiż tal-Festa tal-Madonna ta' Pompej, it-taqbida ta' l-Afrika ntemmet. F'nofsinhar il-qniepen tal-knejjes ta' Malta kollha, li kien ilhom żmien twil siktin, daqqew mota ta' nofs siegħa, bħala radd ta' ħajr lil Alla.







It-tanker 'Ohio' irmunkat minn frejgati tar-Royal Navy dieħel fil-Port il-Kbir f'Santa Marija.

[46] Ibid pg.17.

## Pjan ta' invażjoni – Operazzjoni Herkules

Aħna l-Maltin ngħidu: "li kieku kienu qatt ma ltaqgħu flimkien!..."

Li kieku l-invażjoni mill-għadu mlaqma "Herkules" kellha sseħħ kieku Ħal Kirkop kien ser ikun fil-qalba wkoll. Skond pjanijiet miftehma, fit-tielet fażi ta' l-invażjoni kellu jsir ħbit u akkwist taż-żewġ ajrudromi – Ħal Far u Safi u wara jibqgħu neżlin għax-xtut ta' Marsaxlokk u Birżebbuġa. Fl-istess waqt, truppi mill-ajru kellhom jiffurmaw linja difensiva timxi kważi bejn wieħed u ieħor min mal-kosta ta' Għar Bettija (Ħad-Dingli) u għal fuq il-Qattara (Ta' Qali), u tiġbed 'l isfel sa Ħal Kirkop. Dawn it-truppi fuq l-ajruplani kienu jkunu għal-lest biex ma jħallux l-Ingliżi jużaw l-ajrudromi ta' Ħal Luqa u ta' Qali. Kien ippjanat li jekk ikun il-każ, mijiet ta' truppi kienu jkunu għal lest bil-preżenza ta' l-ajruplani JU52 li jkunu jistgħu jillandjaw fl-ajrudrom li jkun diġà ġie meħud fl-ewwel fażi tal-pjan.[47]

Min jaf x'kien isir minnu Ħal Kirkop li kieku l-istorja ma ħaditx żvolta oħra?

Żgur li Ħal Kirkop kien jara aktar qerda u tbatija.

## L-aħħar tislima

Nissellef l-aħħar tislima mill-ħsibijiet impekkabbli ta' Ġużè Ellul Mercer fejn jgħid hekk: "**Lil dawk fost il-qalbiena li tfarrku u nqerdu bil-balal Taljani u Ġermaniżi, inqimu b'tifkira u jalla isimhom ma jintesa qatt! Lil min ġarrab u baqa' ħaj biex jgħid il-ġrajja; b'xejn ma nistgħu nħallsuh...**[48]

*Ringrazzjament tiegħi b'mod speċjali lill-Kappillan Dun N Camilleri, Benedittu Cassar, Nardu Cassar, Nardu Vella, Mikiel Azzopardi, Frenċ Mizzi, Wistin Axiaq, Ġużeppi Cassar u Speranza Bennett.*[49]

---

[47] Christopher Shores & Brian Cull with Nicola Malizia, *Malta, The Spitfire Year 1942* pg 678.

[48] Ġużè Ellul Mercer, *Il-Martirju ta' Poplu* pg57.

[49] In memoriam ta' Spiro Bartolo http://www.cwgc.org/search/certificat.aspx?causalty-3171419.